MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2015

Talba Numru. 777/2013

**WasteServ Malta Limited**

**Vs**

**Samuel GATT [ID. Nru. 122258M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fis-26 ta' Novembru, 2013** u li permezz taghha talbet lill-intimat ihallasha s-somma ta' seba' mija u ghaxar euro u tnejn u tmenin centezmi ta' euro [€710.82c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "L-ammont mitlub jirraprezenta hlas dovut ghal servizz ta' rimi u depozitu ta' skart u materjal fil-facilitajiet immexxija mis-socjeta attrici".

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fl-15 ta' Dicembru, 2014 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

> "Illi l-ammont mitlub mis-socjeta attrici huwa wiehed eccessiv u dan stante li s-socjeta attrici qatt ma tat lill-esponenti rendikont li fih tispjega ghal xiex inhu dovut dan l-ammont.
>
> Salv risposti ulterjuri bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici minn issa ngunta in subizzjoni".

Ra l-verbal datat 29 ta' April, 2015 fejn il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz tat-Talba odjerna, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas minghand l-intimat tas-somma seba' mija u ghaxar euro u tnejn u tmenin centezmi ta' euro [€710.82c] u dan bhala hlas dovut ghal servizz ta' rimi u depozitu ta' skart u materjal fil-facilitajiet immexxija minnha. Da parti tieghu, l-intimat qal li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa wiehed eccessiv u dan stante li s-socjeta rikorrenti qatt ma taghtu rendikont li fih tispjega ghal xiex inhu dovut dan l-ammont.

   Ikkunsidra ulterjorment;

2. **Carmel Buttigieg**, *tariff fee collector* mas-socjeta rikorrenti qal li l-intimat ghandu jhallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' €710.82c. Dan l-ammont kien dovut, fil-maggjor parti tieghu, ghal naghag mejta. Spjega li biex tinharaq naghga li tkun mkabra, t-tariffa taghha hija ta' mitt euro (€100) ma liema ammont ikun irid jizdied il-VAT. Spjega li l-ammont reklamat fil-fatturi u dokumentazzjoni minnu esebiti huma ghal diversi naghag u moghoz li kien ha l-intimat ghand is-socjeta rikorrenti sabiex jinharqu. Huwa esebixxa ukoll r-ritratti tal-annimali li kien ha l-istess intimat ghal dan il-ghan ghand is-socjeta rikorrenti.

3. **L-intimat** stqarr li huwa ghandu jhallas lis-socjeta rikorrenti l-ammont dovut in konessjoni mad-dok. GS 1 (fol. 148) minnu esebit fis-seduta tat-13 ta' Marzu, 2015. F'dan ir-rigward qal li "*jiena ghandi nhallas tad-Dok. GS1 il-bqija ma ghandi xejn xi nhallas. Jiena ghandi nhallas skont ma hemm imnizzel fid-dokument GS1*" (fol. 147) u "*jiena ma naqbilx mal-ammont imsemmi mis-socjeta rikorrenti pero nerga ghal darba ohra nikkonferma li ghandi naghti l-ammonti ghall-annimali li hemm indikati*

*fuq id-dokument GS1*” (fol. 147). Meta t-Tribunal ezamina dan id-dokument GS1 (fol. 148) irrizultalu li l-ammonti li qieghed jammetti l-intimat li ghandu jaghti lis-socjeta rikorrenti jirreferu ghal perjodu 5 ta’ April, 2010 u l-25 ta’ Gunju, 2010. Ix-xhud Carmel Buttigieg ukoll esebixxa dokument li gie mmarkat bhala dok. WSG 1 permezz ta’ nota datata 5 ta’ Jannar, 2015 (fol. 39). Skond dan id-dokument, bejn il-5 ta’ Gunju, 2009 u t-3 ta’ Gunju, 2010 l-intimat kellu jaghti l-hlas ta’ €1.02c filwaqt li bejn l-1 ta’ Lulju, 2010 u l-15 ta’ Marzu, 2013 huwa kellu jaghti lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ €709.80c. B’kollox dawn iz-zewg ammonti jigu ghas-somma ta’ €710.82c li huwa l-ammont reklamat f’dawn il-proceduri mis-socjeta rikorrenti.

4. Ghalhekk, meta l-intimat jghid fid-deposizzjoni tieghu li huwa ghandu jhallas l-ammonti kollha li jirrizultaw mid-dokument GS1 fir-rejalta kull ma qieghed jammetti huwa li hu ghandu jhallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ €1.02c.

5. It-Tribunal ezamina d-dokumentazzjoni kollha esebita u sema’ lill-partijiet jixhdu quddiemu u huwa konvint a bazi ta’ l-istess li l-istess intimat verament ghandu jhallas l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti. Ix-xhieda moghtija mir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti hija ferm aktar dettaljata u kredibbli minn dik offruta mill-intimat f’dawn il-proceduri. Oltre dan, l-istess xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti hija sorretta mid-dokumentazzjoni kopjuza esebita minnu.

6. Ghalhekk, l-eccezzjoni ta’ l-intimat li l-ammont reklamat huwa wiehed eccessiv ma ssibx sostenn u konsegwentement it-Tribunal sejjer jichadha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet ta’ l-intimat in kwantu dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deciz, qieghed jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti u jikkundanna lill-intimat ihallas lill-istess socjeta rikorrenti s-somma ta’ seba’ mija u ghaxar euro u tnejn u tmenin centezmi ta’ euro [€710.82c], bl-imghaxijiet jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont mid-data minn meta kull ammont gie dovut hekk kif jirrizulta fl-*istatement of account* (fol.40) sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mill-intimat.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------